# TRIBUNAL IDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2429

**Kaz Nru. 3156/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Felix Grech**
**u**
**Anthony sive Tony Debono**
**Ezercenti l-kummerc bl'isem**
**Ta' Debrans Garage sitwat**
**f'Mon Reve, Triq Santa**
**Katerina, Gharghur**
**(dwar tkeccija mill-impieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali, permezz tad-Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Felix Grech, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fis-16 ta' Settembru, 2013 u l-ewwel seduta f'din il-Kwistjoni**

**tax-Xoghol inzammet nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru, 2013 fil-Qrati Superjuri. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avukat Lorna Mifsud Cachia u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Anthony Debono assistit mill-Avukat Jan-Karl Farrugia.**

**Fl'Istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid, li huwa kien impjegat bhala driver fuq bazi full-time u l-kuntratt tieghu kien wiehed indefenit. Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet fuq bazi ta' dixxiplina meta efffettivament ma kien wettaq ebda azzjoni jew ommissjoni li ghanda jew kellha tghati lok ghat-tkeccija ghal raguni dixxiplinarija u liema tkeccija sehhet fit-23 ta' Gunju, 2013. Huwa jtemm l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li din it-tkeccija kienet wahda ngusta u saret bi ksur tal-ligi.**

**Fl'isqarrija tieghu is-sid jghid, li huwa jiggestixxi negozju tat-trasport permezz tal-vetturi chauffer drive bl-isem Debrans Garage. Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li kien impjega lir-rikorrenti bhala xufier mill-4 ta' Ottubru, 2010 sat-23 ta' Gunju, 2013 u t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret ghal ragunijiet dixxiplinarji.**

**Minn naha tas-sid fl'istqarrija tieghu jghid ukoll, li kien avvza lir-rikorrenti diversi drabi dwar l-imgieba hazina tieghu fuq il-post tax-xoghol. Huwa jghid ukoll, li r-rikorrenti kien jokkupa l-kariga ta' xufier**

**tal-vetturi chauffeur drive, kemm karozzi kif ukoll vannijiet. Huwa jghid ukoll, li dan ix-xoghol delikat u kien wiehed ta' responsabbilta kbira u kien jinkludi fost l-ohrajn il-garr ta' passiggieri partikolarment turisiti u tfal tal-iskola. Huwa jghid ukoll, li wissa lir-rikorrenti dwar il-vizzju ikrah tax-xorb li kellu partikolarment waqt il-hin tax-xoghol, tant li kien qieghed johloq riskju palezi u lampanti lilu nniffsu, kif ukoll lill-passiggieri li jkun qieghed iwassal.**

**Fl'istqarrija tieghu s-sid jghid ukoll, li r-rikorrenti kien aggressiv u pastaz kemm mieghu, mal-impjegati ohra tad-ditta Debtrans Garage, kif ukoll ma terzi, liema atteggjament kien qieghed jippregudika l-futur tan-negozju tieghu.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li d-decizjoni li ttiehdet sabiex ir-rikorrenti jitwaqqaf mix-xoghol f' Gunju, 2013 kienet l-ahhar strofa minn sensiela twila ta' episodji u twissijiet moghtija lilhu kif jista jigi kkonfermat permezz ta' xhieda minn xufiera ohra, kif ukoll minn membri tal-Korp tal-puluzija, liema sensiela ta' episodji finalment wasslu ghas-sitwazzjoni fejn l-impieg tar-rikorrenti kien sar insostenibbli.**

**Mill-provi jirrizulta, li gurnata qabel ma sehh l-incident li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti kien talab lis-sid, biex l-ghada jirrangalhu sabiex jispicca ftit kmieni mix-xoghol peress, li kellu**

**attivita mal-familja. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ftit wara l-imghallem qallu li setgha jispicca mix-xoghol fil-hamsa ta' fil-ghaxija pero, biex isir dan huwa kellu jibda x-xoghol aktar kmieni mis-soltu u nfurmah biex jibda fl-erbgha u kwart ta' fil-ghodu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-hin tax-xoghol ir-rikorrenti ghamel il-vjaggi li kellu scheduled kif ukoll vjagg iehor li ma kienx scheduled fil-gurnata tax-xoghol tieghu. Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara nofs inhar huwa mar id-dar sakemm isir il-hin biex jghamel l-ahhar vjagg li kellu sechduled lejn l-airport. Mill-provi jirrizulta wkoll, li f'dan il-hin huwa ircieva telefonata mill-imghallem, fejn staqsieh fejn qieghed u r-rikorrenti qallu li kien id-dar. Mill-provi jirrizulta wkoll li l-imghallem qallhu, li kellu grupp ta' xi erbatax il-persuna li kienu High Ridge biex imur ghalihom u jwassalhom sa l-ghassa ta' San Giljan, fejn ir-rikorrenti ma ghamel l-ebda oggezzjoni peress li kien ghad fadallu l-hin biex jiehu l-ahhar grupp ta' persuni li kellu scheduled lejn l-airport. Mill-provi jirrizulta wkoll, li biex jghamel l-ahhar vjagg li kellu scheduled lejn l-airport, kellu jibdel il-vettura li kien qed jahdem biha u ghaldaqstant, wara l-vjagg li ghamel skond l-istruzzjonijiet li gie moghti mis-sid, huwa telaq lejn il-garage tal-kumpanija biex jibdel il-vettura li kellu ghal vettura ohra, li kienet aktar addatta ghal dan l-ahhar vjagg li kien imiss. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta wasal il-garage nduna li c-cavetta tal-garage ma kienx hada mieghu u ghalhekk cempell lis-sid biex jiftahlu il-bieb tal-garage.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-sid ma hax pjacir b'dak li qallu ir-rikorrenti u wiegbu b'hafna ghajjat fejn ir-rikorrenti wiegbu li ma kellux ghalfejn joqghod jghajjat u minflok kien ikun ahjar li forsi jcempell lill missieru jew lil huh li kienu vicin il-garage u jmorru jifthulu halli jghamel malajr dak il-vjagg. Mill-provi jirrizulta, li wara li kien hemm argument bejn ir-rikorrenti u s-sid u dan qal lir-rikorrrenti biex ihalli l-vann hemm u jmur ghal attivita li kellu mal-familja. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-ghada u l-jum ta' wara r-rikorrenti pprova jikkuntattja lis-sid biex jghidlu meta se jkun xoghol minghajr ma gie mwiegeb. Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara dawn l-attentati r-rikorrenti rnexxielu jikkuntattja lis-sid fejn gie nfurmat sabiex ma jmurx aktar ghax-xoghol.**

**Matul is-smigh tal-provi gie allegat ukoll mis-sid, li r-rikorrenti ghalkemm b'modd generali kien kuntent bix-xoghol tieghu pero, kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imgieba tieghu ma kienitx korretta kif ukoll, li r-rikorrenti kellu l-vizzju li kien jiehu xi birra waqt il-qaghdi ta' dmirijiethu, liema allegazzjonijiet gew michuda mir-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-allegazzjoni tas-sid li r-rikorrenti gieli naqas mid-doveri tieghu kif ukoll, li waqt il-hin tax-xoghol kien jiehu xi alkahol. Meta it-Tribunal Industrijali jezamina il-provi dwar dawn l-allegazzjoni jasal ghal konkluzzjoni, li ma giet**

**imressqa l-ebda prova konkreta li r-rikorrenti kellu dawn in-nuqqassijiet.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-incident li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti kif ukoll, il-modd kif ittiehdet id-decizjoni tat-terminazzjoni ta' l-impieg. Kif jirrizulta mill-provi, sabiex ir-rikorrenti jispicca ftit kmieni mix-xoghol ghax kellu attivita tal-familja, kellu jibda l-gurnata tax-xoghol tieghu ferm aktar kmieni mis-soltu, ezattament fl-erbgha u kwart ta' fil-ghodu u matul il-gurnata tax-xoghol tieghu, mhux biss ghamel il-vjaggi li kellu scheduled, imma ukoll vjaggi ohra skond l-istruzzjonijiet ta' l-imghallem tieghu u dan ghamilhom minghajr ma oggezzjona.**

**Ghaldaqstant, f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jezamina l-incident li wassal ghal konflitt f'din il-Kwistjoni tax-Xoghol li kien, li meta r-rikorrenti mar il-garage biex jibdel il-vettura ma sabx ghax kien nesa ic-cavetta tal-garage. Meta r-rikorrenti nforma is-sid, li f'dak il-hin ma kienx jiehu gost jigi ddisturbat ghax ikun ma xi hbieb u xi familjari huwa ghamel reazzjoni negattiva hafna mar-rikorrenti. It-Tribunal Industrijali, meta jikkunsidra li r-rikorrenti kien ilu fuq ix-xoghol mill-erbgha u kwart ta' fil-ghodu, jghamel vjagg tax-xoghol wiehed wara l-iehor, kif ukoll li ghamel vjaggi ohra li ma kienux skedati fil-gurnata tax-xoghol tieghu, jikkunsidra li kien kaz genwien li bi tfixkiel tax-xoghol nesa ic-cavetta, ma dan it-Tribunal Industrijali**

**jikkunsidra wkoll, li meta r-rikorrenti cempell lis-sid biex imur jew jibghat lil xi hadd jiftahlu l-garage, kien qed joffri soluzzjoni prattika biex tigi solvuta l-problema li kellu u ghaldaqstant, f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni, li ir-rikorrenti ghamel minn kollox biex isib soluzzjoni rejalistka biex tigi solvuta l-problema li kien jinsab fiha.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonjiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, kif saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti u hawn it-Tribunal Industrijali jirreferi ghal diversi decizjonijiet li gew moghtija mill-istess Tribunal Industrijali, fejn kemm il-darba sahaq, li meta jkun hemm kaz ta' Dixxiplina fil-konfront ta' impjegat u dan anke meta l-impjegat jigi mwissi verbalment, din it-twissija ghanda tigi registrata bil-miktub u dan sabiex tkun punt ta' riferenza ghal meta jinqalghu kazijiet ta' din ix-xorta, ghaldaqstant kif diga gie spjegat hawn fuq invista li ma gietx ippruvata b'modd konkret li fil-passat ir-rikorrenti kellu kazijiet ta' dixxiplina, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-rikorrenti qatt ma ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti saret ukoll b'modd hesrem minghajr ma gie moghti l-opportunita li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu. Dan it-Tribunal Industrijali f'diversi decizjonijiet ohra kemm il-darba sahaq, li meta fl'opinjoni tas-sid il-haddiem ikun**

**naqas minn dmirijietu u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, is-sid ghandu jinforma lill haddiem involut bil-miktub x'kienu n-nuqassijiet tieghu u jghatih l-opportunita li jiddefendi l-alleggezzjonijiet li jkunu saru fil-konfront tieghu, biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jigi moghti l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu, anke jekk ikun irid li jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju tal-Kaz is-sid ma ta' l-opportunita lir-rikorrenti li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreznetati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni, li r-rikorrenti ma giex moghti l-opportunita xierqa biex jiddefendi l-kaz tieghu u ghaldaqstant it-terminizzjoni ta' l-impieg hija ngusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-impieg ma jigix moghti lura, ir-rikorrenti ghandhu jithallas kumpenss minghand Anthony sive Tony Debono ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Debrans Garage sitwat f'Mon Reve, Triq Santa Katerina, Gharghur li jammonta ghal €4,500 (erbgha t'elef u hames mitt euro) liema kumpenss ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 14 ta' Lulju, 2016**